**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 229/2025**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs.**

**Nicholai Azzopardi**

Illum id-9 t'April 2025

Il-Qorti:

Rat illi tressaq b'arrest Nicholai Azzopardi, ta' 40 sena, iben Joseph u Mary Azzopardi nee' Farrugia, ta' nazzjonalità Maltija, imwieled il-Pietà nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija erbgħa u tmenin (1984), u residenti ġewwa BLK B, FL 12, Triq il-Għajn, Valletta, detentur ta' karta tal-identità bin-numru 420784M.

Akkużat talli:

F'xi ħin matul il-lejl tal-ħamsa (5) ta' Marzu elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u kmieni filgħodu tas-sitta (6) ta' Marzu elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), ġewwa Triq il-Blata, Ħal Qormi u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' *pouch* u flus kontanti u/jew oġġetti oħra liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa w għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serq sar għad-dannu ta' Achi Reddy Karra u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

U aktar:

2. Kemm il-darba jinstab ħati ikun ikkommetta tali reat waqt perjodu ta' ordni ta' *probation* mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud permezz ta' sentenza deċiża fis-sitta (06) ta' Mejju elfejn u erbgħa u għoxrin (2024);

3. U kif ukoll kemm il-darba jinstab ħati jirrendi ruħu reċidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 28H *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni ai termini tal-istess Artikoli 15A u 28H *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2025 l-Uffiċjal Prosekutur qara w ikkonferma l-akkużi bil-ġurament.[1]

Rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.[2]

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2025 l-imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż bi proċedura sommarja.[3]

Rat li matul l-eżami tal-imputat fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2025, ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat wieġeb li ma kienx ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.[4]

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu 2025 fejn il-prosekuzzjoni irtirat it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-imputat Nicholai Azzopardi.[5]

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 2025 l-imputat b'mod volontarju rreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-akkużi kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta avżatu w wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu w jikkonsidra t-tweġiba tiegħu w jerġa lura minnha.[6]

Rat li l-imputat reġa' tenna w ikkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.[7]

---

[1] Folio 3-4 tal-atti proċesswali
[2] Dok. RA1, Folio 7 tal-atti proċesswali
[3] Folio 17 tal-atti proċesswali
[4] Folio 17 tal-atti proċesswali
[5] Folio 19-20 tal-atti proċesswali
[6] Folio 19-20 tal-atti proċesswali
[7] Folio 19-20 tal-atti proċesswali

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssibu ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu w li a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza dwarhom fil-konfront tal-imputat.

Rat illi m'hemmx raġuni tajba ai termini tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk li l-akkużi huma sodisfaċentament ppruvati.

Rat il-fedina penali tal-imputat datata 11 ta' Marzu 2025.[8]

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 2025.[9]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[10]

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ jirrigwarda serqa li seħħet bejn il-lejl tal-5 ta' Marzu 2025 u kmieni filgħodu tas-6 ta' Marzu 2025 ġewwa Triq il-Blata, Ħal Qormi, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-€2,329.37 iżda jeċċedi l-€232.94, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa. Dan is-serq sar għad-detriment ta' Achi Reddy Karra. Minn l-investigazzjonijiet tal-pulizija, ġie arrestat u mressaq l-imputat Nicholai Azzopardi b'rabta ma' din is-serqa.

---

[8] Dok. RA3, Folio 9-11 tal-atti proċesswali
[9] Folio 21-25 tal-atti proċesswali
[10] Folio 19-20 tal-atti proċesswali

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll illi huwa reċidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati.

## Ikkunsidrat

### Piena

In vista tal-ammissjoni li ġiet reġistrata mill-imputat waqt is-seduta tas-27 ta' Marzu 2025, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tiegħu w bl-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tqis li m'għandhiex għażla oħra għajr li issib lill-istess imputat ħati tar-reati addebiti kontrih u għalhekk ser tgħaddi sabiex tippronunzja sentenza fil-konfront tiegħu.[11]

Illi għall-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata fuq dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat, il-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, is-segwenti fatturi:

1. Fl-atti tinsab il-fedina penali tal-imputat aġġornata sal-11 ta' Marzu tas-sena 2025.[12] Illi l-fedina penali hija relattivament refrattarja fejn fiha jinsabu reġistrati diversi sentenzi b'kundanni ta' serq.

2. L-imputat ammetta fi stadju ferm bikri tal-proċeduri.[13]

3. F'dan ir-rigward il-Qorti ikkunsidrat il-ġurisprudenza nostrana w dik ta' Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutli

---

[11] Folio 19-20 tal-atti proċesswali
[12] Dok. RA3, Folio 9-11 tal-atti proċesswali
[13] Folio 19-20 tal-atti proċesswali

għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.[14] Hawn hekk il-Qorti tagħmel referenza għal dak ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

*"Kull Qorti kellha u għad għandha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi hi jekk il-każ jimmeritax tnaqqis fil-piena minħabba li tiġi reġistrata ammissjoni. Aktar ma tkun bikrija l-ammissjoni, aktar il-Qorti tista' tkun propensa li tikkunsidra tnaqqis fil-piena minħabba f'hekk. Ma jfissirx, mill-banda l-oħra, li min ma jammettix mill-bidu nett u jibqa' jikkontesta l-akkużi li hemm dedotti kontra tiegħu għandu jkun penalizzat minħabba l-kontestazzjoni tiegħu. Kull persuna akkużata għandha dritt li tikkontesta l-akkużi dedotti kontra tagħha u tipproduċi x-xhieda idoneji. Għalhekk, filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-proċess jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, dak li jkun m'għandux jiġi penalizzat jekk ma jammettix."*[15]

4. Għalhekk, il-Qorti tqis li l-ammissjoni tal-imputat għandha titqies bħala attenwanti favur tiegħu.

5. B'żieda għal dan, il-Qorti tqis ukoll illi l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi.

6. L-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija. Huwa irrilaxxja stqarrija w irrisponda għal kull mistoqsija li saritlu mingħajr ma ipprova jkun evażiv. L-imputat ammetta waqt l-istqarrija w għażel li jiffirma l-istess.[16]

---

[14] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**, Qorti Kriminali, 24/2/1997; **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7/7/2002; App. Nru: 385/2015, **Il-Pulizija vs. Andre Falzon**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 19/11/2015; App. Nru: 99/2017, **Il-Pulizija vs. Godfrey Formosa**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 26/10/2017; *Archbold 2021 Sentencing Guidelines*, Thomson Reuters, London, 2021; u, *Blackstone's Criminal Practice 2006*, Oxford University Press, Oxford, 2005

[15] App. Nru: 13/2002, **Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11/11/2004

[16] Dok. RA4, Folio 12-13 tal-atti proċesswali

7. Illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi fi żmien il-kommissjoni tar-reat l-imputat kien maħkum mill-vizzju tad-droga. Dan hekk kif ikkonfermat mill-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni finali.

8. Il-Qorti ikkunsidrat il-gravità tar-reat ta' serq li l-imputat qed jammetti għalih tenut kont tal-fatt illi tali serq huwa ikkwalifikat bil-valur (Art. 267), bil-ħin (Art. 270) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (271(g)).

9. Illi skond l-Artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali l-piena li għandha tiġi applikata għal tali reat hekk ikkwalifikat hija dik ta' priġunerija minn ħames xhur sa tliet snin. Iżda, b'żieda għal dan, stante li r-reat ta' serq huwa wkoll ikkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, l-Artikolu 280(1) jiddisponi li l-piena m'għandhiex tingħata fil-minimu tagħha.

10. Illi skond l-Artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali "*meta l-liġi tiddisponi espressament li l-piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum w l-maximum*".[17]

11. Illi għar-rigward it-tieni imputazzjoni, dik taħt l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha stante li din ġiet irtirata mill-prosekuzzjoni fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2025.[18]

12. Illi fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva, il-Qorti ħadet nota tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali w wara li rat il-fedina penali tal-imputat tinnota li dan mhux l-ewwel darba li l-imputat qed jinstab ħati tar-reat ta' serq u kwindi huwa fid-diskrezzjoni

[17] Artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
[18] Folio 19-20 tal-atti proċesswali

tal-Qorti li iżżid *"fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi"*[19].

13. Illi l-prosekuzzjoni issottomettiet li tenut kont tal-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija, ammetta fl-istqarrija rilaxxjata minnu, u anke rreġistra ammissjoni bikrija quddiem din il-Qorti kif presjeduta, il-Qorti għandha tikkonsidra li tapplika l-piena ta' sena (1) priġunerija sospiżi b'sentejn (2), flimkien ma' ordni ta' kumpens favur il-parte civile Achi Reddy Karra fl-ammont ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250). In oltre, l-prosekuzzjoni issottomettiet illi għandha tingħata Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' tliet (3) snin stante li l-imputat huwa afflitt mill-problema tad-droga.

14. Illi seduta stante deher Achi Reddy Karra li ikkonferma li ircieva fi flus kontant l-ammont ta mitejn u ħamsin Ewro (€250) qabel id-data tal-għoti tas-sentenza f'dan il-każ u ghaldaqstant m'hemmx bzonn ta' Ordni ta' Kumpens.

15. Id-difiża qablet mal-prosekuzzjoni illi għandha tingħata Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' tliet (3) snin.

16. Illi l-Qorti m'hijiex marbuta ma' dak li ipproponew il-partijiet in linea ta' piena iżda tqis li din il-piena hija waħda legalment proponibbli w fil-parametri tal-liġi skond il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. Illi l-Artikolu 142(1) tal-*Criminal Justice Act* 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena w ċioe:

"*(a) the punishment of offenders, (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence), (c) the reform and rehabilitation of offenders, (d) the*

[19] Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

*protection of the public, and, (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence".*

18. Illi allura min hu imsejjaħ sabiex jiġġudika m'għandux iħares biss lejn l-interessi tal-persuna ikkundannata iżda għandu jara illi jħares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u tas-soċjetà in ġenerali billi jagħti dik il-piena li għandha sservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kommissjoni ta' reati oħra, li tista' twassal għar-riabilitazzjoni w r-riforma tal-ħati, li tagħti il-ħarsien meħtieġ lill-pubbliku w li l-ħati jagħmel riparazzjoni għal ħażin li jkun għamel.

19. Dwar dan il-punt il-Qorti tal-Appell Kriminali saħqet illi:

*"Il-piena m'għandiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjetá fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi riprestinata t-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-riżarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjetà. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjetà dawn jinżammu inkarċerati w għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena".*[20]

Miżmumin fermi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis illi filwaqt li l-aktar piena idonea hija waħda karċerarja, hemm raġunijiet tajbin u validi fiċ-ċirkostanzi sabiex tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk tali piena karċerarja ma tkunx waħda effettiva.

---

[20] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28/11/2006

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15A, 28H, 49, 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1), 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni stante li din ġiet irtirata mill-prosekuzzjoni, issib lil Nicholai Azzopardi fuq ammissjoni tiegħu stess **ħati** tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu w tikkundannah għall-piena ta' **sena (1) priġunerija**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal **sentejn (2) snin**.

In oltre, peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet relatati mal-vizzju tad-droga, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' **tlett (3) snin** mil-lum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din is-sentenza w li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabbiltà tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

**Komunika**: Direttur Probation u Parole

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati esperti u/jew periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika dak li jipprovdi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Mogħtija illum nhar id-disa' (9) t'April tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**